17.1 Minbarra r-regolamenti msemmija hawn fuq, ix-xandar tas-servizz pubbliku jrid ukoll jimxi fuq ir-regolamenti li ġejjin.

TAQSIMA 18

L-Imparzjalità tax-Xandar tas-Servizz Pubbliku

18.1 Min italla' l-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti ma jistax ikollu rabtiet jew interessi oħra barranin li jistgħu jgħarrqu l-fama għall-imparzjalità, il-ġustizzja u l-integrità tax-xandar tas-servizz pubbliku.

TAQSIMA 19

Preżentaturi u Riporters Assoċjati primarjament max-Xandar tas-Servizz Pubbliku

19.1 Dawk li l-pubbliku primarjament jagħraf bħala preżentaturi jew riporters ta' l-aħbarijiet jew programmi dwar ġrajjiet kurrenti fl-istazzjon tas-servizz pubbliku, iridu jidhru li jkunu imparzjali. Importanti li kull ħidma oħra barra mix-xandir, kemm ta' kitba kif ukoll l-għoti ta' intervisti jew diskorsi ma tħalli ebda dubju dwar l-oġġettività tagħhom fix-xandir. Jekk dawn il-preżentaturi jew riporters jesprimu ruħhom pubblikament barra mix-xandir f'xi argument ta' kontroversja, jistgħu jikkompromettu serjament il-qagħda tagħhom fix-xandir. Kemm f'xogħolhom fix-xandir tas-servizz publiku kif ukoll f'xi attività ta' xandir ieħor mhux tas-servizz pubbliku bħal ngħidu aħna bil-kitba, bil-kliem jew ukoll bl-għoti ta' intervisti, ma għandhomx:

are enforceable in terms of article 20(3) of the Broadcasting Act.

General Obligations of Independent Producers

15.1 Independent productions made for broad-casters must observe the same standards and practice requirements set out in the preceding parts of this document for in-house productions. Ultimate responsibility for the method and content of any material commissioned by a broadcaster rests with the said broadcaster.

SECTION 16

Contractual Obligation of Independent Producers

16.1 All contracts made by a broadcaster with an independent producer should include their obligation to observe the previous provisions of this document, of the Constitution, of the Broadcasting Act and of any other relevant law.

SECTION 17

THE PUBLIC SERVICE BROADCASTER

Rules applicable to the Public Service Broadcaster

17.1 In addition to the above, the following rules shall apply to the public service broadcaster.

SECTION 18

Impartiality of the Public Service Broadcaster

18.1 Producers of news and current affairs programmes should have no outside interests or commitments which could damage the public service broadcaster's reputation for impartiality, fairness and integrity.

SECTION 19

Presenters and Reporters primarily associated with the Public Service Broadcaster

19.1 Those known to the public primarily as presenters of, or reporters on, news programmes or programmes about current affairs broadcast on the public service broadcaster must be seen to be impartial. It is important that no off-air activity, including writing, the giving of interviews or the making of speeches, leads to any doubt about their objectivity on-air. If such presenters or reporters publicly express personal views off-air on controversial issues, then their on-air role may be severely compromised. It is crucial that in both their work with the public service broadcaster and in other non-public service broadcasting activities such as writing, speaking or giving interviews, they do not:

i. jgħidu kif jivvutaw jew juru ma' liema partit politiku jżommu;

ii. jgħidu kif jaħsbuha, favur jew kontra xi xejra tattika li tkun argument ta' diskussjoni tax-xejra pubblika magħrufa taż -żmien tal-partiti;

iii. jiddefendu xi qagħda partikolari dwar xi argument ta' diskussjoni jew kontoversja tax-xejra pubblika magħrufa taż –żmien;

iv. jinkoraġġixxu bidla fl-imġiba tax-xejra pubblika magħrufa taż-żmien billi jiġbdu l- attenzjoni fuqha.

i. state how they vote or express support for any political party;

ii. express views for or against any policy which is a matter of current party political debate;

iii. advocate any particular position on an issue of current public controversy or debate;

iv. exhort a change in high profile public policy.

TAQSIMA 20

IT-TQEGĦID FIS-SEĦĦ TA' DAWN IL-ĦTIĠIJIET

L-Applikabbiltà ta' dawn il-Ħtigijiet

20.1 Id-disposizzjonijiet ta' dan id-dokument jgħoddu għax-xandara kollha tat-televiżjoni u tar-radjo, kif ukoll għar-rapporti ta' l-aħbarijiet u programmi ta' ġrajjiet kurrenti kemm jekk joħorġu minn xandar kif ukoll jekk jintgħamlu minn dar tal-produzzjoni indipendenti għall-imsemmi xandar, sakemm fihom ma hemmx mod ieħor.

20.2 Kull stazzjon irid ikollu editur li jagħmilha ta' uffiċjal ta' l-osservanza biex jiżgura li ma jinkiser xejn minn kulma jingħad f'dawn il-Ħtiġijiet.

TAQSIMA 20

APPLICATION OF THESE STANDARDS AND PRACTICE REQUIREMENTS

Appicability of these Requirements

20.1 Unless otherwise provided in this document, these provisions apply to all broadcasters, whether they are television or radio, and to all news bulletins and current affairs programmes whether made by a broadcaster or by an independent production house for the said broadcaster.

20.2 Each station should have an editor who shall act as a compliance officer to ensure the due observance of this provision of these Requirements. The station shall notify the details of the said officer.

TAQSIMA 21

Editur għal Dawn il-Ħtiġijiet

21.1 Kull stazzjon tax-xandir irid jaħtar editur għal dawn il-Ħtiġijiet.

21.2 L-editur irid jagħmilha ta' uffiċjal ta' l-osservanza biex jiżgura li qed jitħarsu bir-reqqa l-istandards u l-ħtiġijiet ta' prattika.

21.3 Kull stazzjon tax-xandir irid jgħaddi lill-Awtorità l-isem u l-kunjom ta' dan l-editur kif ukoll fejn u kif jista' jkun ikkontattjat kif ukoll kull tibdil li jkun hemm fil-ħatra f'dik il-kariga.

SECTION 21

Editor for the purposes of these Requirements

21.1 Each broadcasting station shall appoint an editor for the purposes of these Requirements.

21.2 The editor shall act as a compliance officer to ensure the due observation of the provisions of these standards and practice requirements.

21.3 Each broadcasting station shall notify the Authority of the name, surname and contact details of the said editor as well as of any changes in appointment to this position.

TAQSIMA 22

Tħassir

In-Notifikazzjoni tal-Gvern 257 ta' l-2007 hija b'din imħassra.

SECTION 22

Revocation

Government Notice 257 of 2007 is hereby revoked.

It-12 ta' Ġunju, 2007

12th June, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 51

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Luqa

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Ġunju 2007 mis-2.00 p.m. sa nofsillejl minn Misraħ il-Knisja.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż, ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

Il-Fgura

Nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Ġunju 2007 mis-2.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Hompesch minn Triq Sant'Antnin sa Triq is-Sur.

Vetturi li jinstabu jiksru dan l-avviż, ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Ġunju, 2007

POLICE NOTICE

No. 51

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Luqa

On Friday, 15th June 2007 from 2.00 p.m. to midnight through Misraħ il-Knisja.

Vehicles found in contravention of this notice, are subject to be towed.

Fgura

On Friday, 29th June 2007 from 2.00 p.m. to midnight through Triq Hompesch from Triq Sant'Antnin to Triq is-Sur.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

12th June, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 52

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Qormi

Nhar it-Tnejn, it-18 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Ġorġ, Dun Mario, l-Isbandola, l-10 ta' Settembru, il-Blata, Qasam tad-Djar Fuq tal-Blata, Valletta, il-Mitħna, San Franġisk, it-Tensila, il-Ħabbież, il-Mejjilla u l-Kbira.

Nhar it-Tlieta, id-19 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pietru Felice, Ġorġ Zammit, Anġlu Borg, G. Cardona, il-Ħelsien, Pjazza G. Flores, Pinto, Cappadocia, il-Vitorja u Trejqet Pinto 2.

POLICE NOTICE

No. 52

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Qormi

On Monday, 18th June 2007 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: San Ġorġ, Dun Mario, l-Isbandola, l-10 ta' Settembru, il-Blata, Fuq tal-Blata Housing Estate, Valletta, il-Mitħna, San Franġisk, it-Tensila, il-Ħabbież, il-Mejjilla and il-Kbira.

On Tuesday, 19th June 2007 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Pietru Felice, Ġorġ Zammit, Anġlu Borg, G. Cardona, il-Ħelsien, Pjazza G. Flores, Pinto, Cappadocia, il-Vitorja and Pinto Junction 2.

Nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Santa Katerina, il-Barrakki, Stagno, il-Ħelsien, ix-Xitwa, in-Naħal, il-Bħajra, is-Sajf, ir-Rebbiegħa, il-Plejju, id-Dragun, Pjazza Flores, Pinto u l-Vitorja.

Nhar il-Ħamis, il-21 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Santa Katerina, l-Isqof Scicluna, Pinto, id-Dragun, il-Vitorja, Aniċi u Misraħ San Franġisk.

Nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Ġunju 2007 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ Frederick Maemple, il-Kardinal Sciberras, il-Kbira, San Pietru, Santa Katerina, il-Vitorja, Trejqet Pinto 2 u Pinto.

Nhar is-Sibt, it-23 ta' Ġunju 2007 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Kbira (minn ħdejn l-Abatija), Misraħ San Franġisk, tal-Blat, il-Wied, tal-Ħlas, il-Vitorja, Misraħ Alexandra, Trejqet Pinto 2, it-23 ta' April, l-Isqof Scicluna u Santa Katerina.

Nhar il-Ħadd, l-24 ta' Ġunju 2007 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Santa Katerina, Pinto, Trejqet Pinto, il-Vitorja u Aniċi.

Nhar il-Ħadd, l-24 ta' Ġunju 2007 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Misraħ Fredrick Maemple, Santa Katerina, San Pietru, Pinto, Trejqet Pinto, il-Vitorja u Misraħ San Franġisk.

In-Nadur - Għawdex

Nhar it-Tlieta, is-26 ta' Ġunju 2007 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Diċembru 13, Pjazza San Pietru u San Pawl, il-Kappillan, Xandriku, San Ġwann u Dun Bernard Haber.

Nhar il-Erbgħa, is-27 ta' Ġunju 2007 mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Pietru u San Pawl, il-Kappillan, Rakele Camilleri, Xandriku, San Ġwann u Diċembru 13.

Nhar il-Ħamis, it-28 ta' Ġunju 2007 mill-5.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Diċembru 13, Pjazza San Pietru u San Pawl, il-Kappillan, Xandriku, San Ġwann, Rakele Camilleri u l-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Ġunju 2007 mis-7.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Diċembru 13, Pjazza San Pietru u San Pawl, il-Kappillan, San Ġwann, Rakele Camilleri, Dun Bernard Haber u l-Knisja.

Huwa pprojbit l-ipparkjar fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm jiġu rmunkati.

On Wednesday, 20th June 2007 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: il-Kbira, Santa Katerina, il-Barrakki, Stagno, il-Ħelsien, ix-Xitwa, in-Naħal, il-Bħajra, is-Sajf, ir-Rebbiegħa, il-Plejju, id-Dragun, Pjazza Flores, Pinto and il-Vitorja.

On Thursday, 21st June 2007 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: il-Kbira, Santa Katerina, l-Isqof Scicluna, Pinto, id-Dragun, il-Vitorja, Aniċi and Misraħ San Franġisk.

On Friday, 22nd June 2007from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ Frederick Maemple, il-Kardinal Sciberras, il-Kbira, San Pietru, Santa Katerina, il-Vitorja, Pinto Junction 2 and Pinto.

On Saturday, 23rd June 2007 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: il-Kbira (from near Institute), Misraħ San Franġisk, tal-Blat, il-Wied, tal-Ħlas, il-Vitorja, Misraħ Alexandra, Pinto Junction 2, it-23 ta' April, l-Isqof Scicluna and Santa Katerina.

On Sunday, 24th June 2007 from 8.00 a.m. onwards through the following streets: il-Kbira, Santa Katerina, Pinto, Pinto Junction, il-Vitorja and Aniċi.

On Sunday, 24th June 2007 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: il-Kbira, Misraħ Fredrick Maemple, Santa Katerina, San Pietru, Pinto, Pinto Junction, il-Vitorja and Misraħ San Franġisk.

Nadur - Gozo

On Tuesday, 26th June 2007 from 8.00 p.m. through the following streets: Diċembru 13, Pjazza San Pietru u San Pawl, il-Kappillan, Xandriku, San Ġwann and Dun Bernard Haber.

On Wednesday, 27th June 2007 from 8.00 p.m. through the following streets: Pjazza San Pietru u San Pawl, il-Kappillan, Rakele Camilleri, Xandriku, San Ġwann and Diċembru 13.

On Thursday, 28th June 2007 from 5.00 p.m. through the following streets: Diċembru 13, Pjazza San Pietru u San Pawl, il-Kappillan, Xandriku, San Ġwann, Rakele Camilleri and il-Knisja.

On Friday, 29th June 2007 from 7.00 a.m. through the following streets: Diċembru 13, Pjazza San Pietru u San Pawl, il-Kappillan, San Ġwann, Rakele Camilleri, Dun Bernard Haber and il-Knisja.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' Lulju 2007 mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, il-Kbira, San Leopoldu, il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti u P.P. Saydon.

Nhar it-Tnejn, is-16 ta' Lulju 2007 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, il-Bronja, Gerada, M. Saliba, S. Psaila, Vjal l-Indipendenza, San Ġorġ u l-Kbira.

Nhar it-Tlieta, is-17 ta' Lulju 2007 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, P.P. Saydon, Dun Jos. Zammit, Vjal il-Blue Grotto, l-Imqabba, Mons. Gervase, Napuljun, il-Qrendi, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, l-Inġiniera u l-Kbira.

Nhar l-Erbgħa, it-18 ta' Lulju 2007 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. minn Triq P.P. Saydon u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ħamis, id-19 ta' Lulju 2007 mis-7.30 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, P.P. Saydon, il-Ħaddiema, Santa Katerina, Vjal il-Blue Grotto, Dun Jos. Zammit, iċ-Ċombini, l-Inġiniera u l-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, l-20 ta' Lulju 2007 mit-8.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Gio. Batta Saydon, ir-Rev. Loreto Zammit, Misraħ il-Karmelitani, San Ġorġ, il-Kbira, San Leopoldu, il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti, P.P. Saydon u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar is-Sibt, il-21 ta' Lulju 2007 mis-7.30 p.m. sas-1.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Ħal Millieri, Tal-Kmand, Seraphim Zarb, Vjal il-Blue Grotto, Santa Katerina, il-Ħaddiema, P.P. Saydon, Misraħ Mattia Preti u Misraħ ir-Repubblika.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' Lulju 2007 mill-9.45 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Repubblika, il-Karmnu, il-Pietà, San Bartolomew, Misraħ Mattia Preti, il-Ħaddiema, il-Ward, il-Wied, Ferdinando Falzon, Xandru D'Amato, il-Mitħna, il-Milwija, il-Kunċizzjoni, San Ġorġ, il-Kbira, San Martin, San Mikiel, Rev. G. Zammit, P.P. Saydon, Stefano Zerafa, Santu Formosa, l-Imqabba u Santa Katerina.

Il-Gudja

Nhar it-Tnejn, it-30 ta' Lulju 2007 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: R. Caruana, il-Palazz, Bettina u l-Kbira.

Nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Awissu 2007 mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Dorell, il-Palazz, Xlejli u l-Għelejjel.

Żurrieq

On Sunday, 15th July 2007 from 9.00 a.m. to 1.00 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, il-Kbira, San Leopoldu, il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti and P.P. Saydon.

On Monday, 16th July 2007 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, San Mikiel, il-Bronja, Gerada, M. Saliba, S. Psaila, Vjal l-Indipendenza, San Ġorġ and il-Kbira.

On Tuesday, 17th July 2007 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, P.P. Saydon, Dun Jos. Zammit, Vjal il-Blue Grotto, l-Imqabba, Mons. Gervase, Napuljun, il-Qrendi, il-Ħaddiema, iċ-Ċombini, l-Inġiniera and il-Kbira.

On Wednesday, 18th July 2007 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through Triq P.P. Saydon and Misraħ ir-Repubblika.

On Thursday, 19th July 2007 from 7.30 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, P.P. Saydon, il-Ħaddiema, Santa Katerina, Vjal il-Blue Grotto, Dun Jos. Zammit, iċ-Ċombini, l-Inġiniera and il-Kbira.

On Friday, 20th July 2007 from 8.00 p.m. to midnight through the following streets: Gio. Batta Saydon, ir-Rev. Loreto Zammit, Misraħ il-Karmelitani, San Ġorġ, il-Kbira, San Leopoldu, il-Ħaddiema, Misraħ Mattia Preti, P.P. Saydon and Misraħ ir-Repubblika.

On Saturday, 21st July 2007 from 7.30 p.m. to 1.00 a.m. through the following streets: Ħal Millieri, Tal-Kmand, Seraphim Zarb, Vjal il-Blue Grotto, Santa Katerina, il-Ħaddiema, P.P. Saydon, Misraħ Mattia Preti and Misraħ ir-Repubblika.

On Sunday, 22nd July 2007 from 9.45 a.m. to midnight through the following streets: Misraħ ir-Repubblika, il-Karmnu, il-Pietà, San Bartolomew, Misraħ Mattia Preti, il-Ħaddiema, il-Ward, il-Wied, Ferdinando Falzon, Xandru D'Amato, il-Mitħna, il-Milwija, il-Kunċizzjoni, San Ġorġ, il-Kbira, San Martin, San Mikiel, Rev. G. Zammit, P.P. Saydon, Stefano Zerafa, Santu Formosa, l-Imqabba and Santa Katerina.

Gudja

On Monday, 30th July 2007 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: R. Caruana, il-Palazz, Bettina and il-Kbira.

On Wednesday, 1st August 2007 from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Dorell, il-Palazz, Xlejli and l-Għelejjel.

Nhar il-Ħamis, it-2 ta' Awissu 2007 mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Palma, Gravina, l-Awrekarja, il-Mitħna u l-Palazz.

Vetturi li jinsabu jiksru dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Ġunju, 2007

On Thursday, 2nd August 2007 from 7.00 p.m. onwards through the following streets: il-Palma, Gravina, l-Awrekarja, il-Mitħna and il-Palazz.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

12th June, 2007

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Forzi Armati ta' Malta se tagħmel Taħriġ bl-Isplussivi fir-*Ranges* ta' Pembroke nhar il-Ħamis l-14 u nhar il-Ġimgħa l-15 ta' Ġunju 2007, bejn l-10.00 a.m. u l-4.00 p.m.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu żewġ (2) mili 'l bogħod mill-Kosta ta' Pembroke matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Waqt l-isparar se jittellgħu bnadar ħomor mil-limiti tar-*ranges* ikkonċernati.

It-12 ta' Ġunju, 2007

ARMED FORCES OF MALTA

The Armed Forces of Malta will be holding Explosives Training at Pembroke Ranges on Thursday 14th and Friday 15th June 2007, between 10.00 a.m. and 4.00 p.m.

All vessels are to keep two (2) miles off Pembroke Coast during the above dates and times.

Red flags will be flown from the limits of the ranges concerned.

12th June, 2007

ATT DWAR PROFESSJONIJIET TAS-SAĦĦA
(KAP. 464)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Elezzjonijiet tal-Kumitat ta' l-Appelli

Nominazzjonijiet ta' Kandidati

Ngħarrfu b'dan skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' 2003 dwar l-Elezzjonijiet tal-Kumitat ta' l-Appelli, illi nominazzjonijiet ta' kandidati biex timtela vakanza mill-professjonijiet regolati mill-Kunsill Mediku, bħala membru fuq il-Kumitat ta' l-Appelli, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 49 (1) (e) (i) ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464), jintlaqgħu mir-Reġistratur tal-Kunsill Mediku fl-uffiċċju tal-Kunsill Mediku, 181, Triq Melita, Valletta, nhar it-Tnejn, 19 ta' Ġunju u t-Tlieta, 20 ta' Ġunju 2007 bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

Il-formoli tan-nominazzjonijiet għal kandidati jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju msemmi hawn fuq f'Malta u mill-uffiċċju ta' l-Amministratur Mediku fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Dott. George Depasquale, MD
Dott. Joseph Farrugia, MD
Dott. Roy Schmebri Wismayer, MD, DCP., B.Bact.
Michael Bonnici Dip.Soc.Stud. (H&S)

Membri tal-Kummissjoni Elettorali

It-12 ta' Ġunju, 2007

HEALTH CARE PROFESSIONS ACT,
(CAP. 464)

Appeals Committee (Elections) Regulations, 2004

Nomination of Candidates

It is hereby notified in pursuance of the aforementioned provisions of the Appeals Committee (Elections) Regulations, 2004, that the nomination of one professional regulated by the Medical Council to sit on the Appeals Committee in accordance with the provisions of Article 49 (1) (e) (i) of the Health Care Professions Act (Cap. 464), will be received by the A/Registrar of the Medical Council at the Medical Council Office, 181, Triq Melita, Valletta on Monday 19th June and Tuesday, 20th June between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

Nomination forms for candidates are obtainable from the above mentioned office in Malta and from the Office of the Medical Administrator, Gozo General Hospital, Gozo.

Dr George Depasquale, MD
Dr Joseph Farrugia, MD
Dr Roy Schembri Wismayer, MD., DCP., D.Bact.
Mr Michael Bonnici, Dip.Soc.Stud. (H&S)

Appeals Committee Elections Commission

12th June, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Legal)* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Legal)* fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. L-uffiċjal li jinħatar fil-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Legal)* ikun/tkun residenti fi Brussell fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea u jkun/tkun responsabbli għal oqsma ta' interess partikolari fil-fora ta' l-Unjoni Ewropea.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Technical Attaché (Legal)* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Technical Attaché (Legal)* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku, it-total possibbli tal-perjodu tal-kuntratt ma jistax jeċċedi sitt snin u t-tiġdid tal-kuntratt wara l-ewwel tliet snin ta' ingaġġ isir fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti bħala *Technical Attaché (Legal)*. Is-Segratarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin b'konsultazzjoni mar-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea jevalwa s-servizz mogħti mit-*Technical Attaché (Legal*) kienx sodisfaċenti jew le u, f'każ ta' servizz sodisfaċenti jġedded il-kuntratt għal perjodu ieħor ta' tliet snin suġġett għal pakkett ta' rimunerazzjoni li ma jeċċedix il-massimu ta' salarju fi Skala 5.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku, is-servizz tagħha mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.4 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku u, matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad mhux fl-istess qasam ta' xogħol bi skala ta salarju ogħla minn Skala 7, jew b'xi mod ieħor tinħatar fi grad ogħla minn skala 5, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Technical Attaché (Legal)* u li tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

2.5 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku u, matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fl-istess qasam ta'

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Technical Attaché (Legal) at the Permanent Representation of Malta to the European Union

The Public Service Commission invites applications for the position of Technical Attaché (Legal) within the Ministry of Foreign Affairs. Officers appointed to the position of Technical Attaché (Legal) will be stationed in Brussels within the Permanent Representation of Malta to the European Union and will be responsible for particular areas of interest in the European Union Fora.

2.1 The selected candidate will be expected initially to enter into a three-year contract as Technical Attaché (Legal), which may be renewed thereafter for further periods subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Technical Attaché (Legal) during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 In case the selected candidate is not a public officer, the total possible contractual period may not exceed six years and renewal beyond the first three years of engagement depends on the performance of the Technical Attaché (Legal). The Permanent Secretary at the Ministry of Foreign Affairs in consultation with the Permanent Representative of Malta to the European Union will assess the performance of the Technical Attaché (Legal) and will authorise, or otherwise, renewal of contract for a further period of three years subject to a remuneration package capped at salary scale 5 maximum.

2.3 If the selected candidate is a public officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a Public Officer, his/her service with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.4 If the selected candidate is a public officer and is, during the contract period, appointed to a grade not in the same stream with a Salary Scale higher than Scale 7, or otherwise appointed to a grade higher than scale 5, he/she will be expected to relinquish the duties of Technical Attaché (Legal) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

2.5 If the selected candidate is a public officer and is, during the contract period, appointed in the same stream in a

xogħol fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, jew permezz ta' *progression,* il-persuna tilħaq Skala ta' salarju ogħla mill-massimu ta' Skala 7 il-persuna tkun intitolata li tibqa' żżomm il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Legal)* u, fit-tiġdid tal-kuntratt, li tirċievi l-emolumenti globali ekwivalenti għall-punt/skala tas-salarju sostantiv ġdid li miegħu jiżdied ammont ekwivalenti għal ħmistax fil-mija ta' dawn l-emolumenti globali. Dan il-provvediment speċifikament jeskludi kull *"top structure"* position b'kuntratt li miegħu jkollu marbut ħlas għall-*performance*. Madankollu, il-pakkett sħiħ li jirċievi l-uffiċjal pubbliku ma jistax ikun ogħla minn żewġ skali ta' salarju fuq l-iskala li dak l-uffiċjal pubbliku jirċievi u li normalment ikun marbut magħha meta jaqdi dmirijietu barra minn Malta u ma tista' fl-ebda każ teċċedi l-massimu ta' Skala 5.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Legal)* ikun il-massimu ta' skala ta' salarju 7 ta' l-iskali ta' salarji tas-Servizz Pubbliku (Lm8,316 (€19,371.07) fl-2007). Il-persuna magħżula tirċievi wkoll l-istess pakkett ta' benefiċċji u *allowances* li huwa intitolat għalihom Uffiċjal Pubbliku fil-grad ta' *Counsellor* fid-*Diplomatic Grades*. F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċ jal pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-ingaġġ bħala *Technical Attaché (Legal)* huwa fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tkun residenti fi Brussell.

Deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet marbuta mal-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Legal)* hija mehmuża ma din is-sejħa bħala Appendiċi I

5. L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom livell ta' kompetenza xierqa u għalhekk kwalifikati sabiex jagħtu pariri fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni kif jidhru f'din is-sejħa;

(iii) ikollhom dottorat fil-Liġi u *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni legali;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

grade above scale 7, or through progression attains a scale above the maximum of scale 7 he/she shall be entitled to retain his/her position as Technical Attaché (Legal) and, on renewal of contract, to receive global emoluments equivalent to his/her new substantive point/scale supplemented by the addition of an amount equivalent to fifteen percent of the said global emoluments. This provision specifically excludes all top structure positions on a performance related contract. However, the total package received by the officer is invariably subject to a remuneration not higher than two Public Service salary scales above the scale the public officer in question would normally be linked to when posted overseas and can in no case exceed the maximum of scale 5.

3. The salary attached to the position of Technical Attaché (Legal) is the maximum point of salary scale 7 of the Public Service salary scales (Lm8,316 (€19,371.07) in 2007). In addition, the selected person will receive the same compensation package by way of benefits and allowances paid to a Public Officer in the Diplomatic Grade of Counsellor. In case the selected applicant is a public officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary, benefits and allowances of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The engagement as Technical Attaché (Legal) is on a full-time basis and the selected person will be resident in Brussels.

A detailed job description of the position of Technical Attaché (Legal) is attached as Appendix I to this call.

5. Applicants must:-

(i) be citizens of Malta;

(ii) have an adequate level of expertise and are thus qualified to advise on the specialised areas advertised in this call;

(iii) be in possession of a degree in law and a warrant to practice law;

(iv) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Police Certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt bħala *Technical Attaché (Legal)* u tintrabat bil-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Il-Bord ta' l-Għażla jgħarbel il-kompetenza, il-kapaċitajiet, l-esperjenza, il-karatteristiċi personali ta' kull kandidat u l-potenzjal li għandu sabiex jaqdi d-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Legal)*.

8.3 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities Act (Persons with Disability) (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7. On engagement, the selected applicant will be required to enter into an agreement as Technical Attaché (Legal) and will be bound by the terms and conditions stipulated in the contract.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The Selection Board will assess the candidates' knowledge, skills, experience, personal attributes and overall potential for assuming the responsibilities attached to the position of Technical Attaché (Legal).

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Foreign Affairs. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta

Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. ll-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li turi l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax/email* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2007, jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin huwa + 356 2123 6604.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal għand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Ministry of Foreign Affairs.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, are to be submitted directly to the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta by not later than noon of Friday, 6th July 2007.

13. Applications received from abroad through a fax/email or other similar message by noon of Friday, 6th July 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs, not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The Fax number of the Ministry of Foreign Affairs is +356 2123 6604.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b)Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs within seven (7) days.

Appendix 'III'

Position Description: Attaché responsible for Legal Affairs

Overall Purpose of Position

The Attaché responsible for Legal Affairs reports directly to the Permanent Representative of Malta to the European Union and is responsible for providing analysis and advise on the legal aspects of any issue that is referred either by the Permanent Representative of Malta to the European Union or the respective units within the Permanent Representation.

Main Responsibilities

Specific

1. Providing analysis and advise on the legal aspects of any issue that is referred either by the Permanent Representative of Malta to the European Union or the respective units within the Permanent Representation;

2. Coordinating and overseeing all major legal matters arising within EU policy areas which are of particular concern to Malta and liaising with the respective Permanent Representation officers and the appropriate Government structures in Malta as required;

3. Coordinating and following any issues related to language, advising the Permanent Representative and the appropriate structures in Malta on any significant developments in this area and preparing any dossiers or briefs on this subject for use in any meetings where language-related issues are to be discussed;

4. Coordinating and following any issues related to the EU Constitution, advising the Permanent Representative and the appropriate structures in Malta on any significant developments in this area and preparing any dossiers or briefs on this subject for use in any meetings where EU Constitution-related issues are to be discussed;

External

5. A) Representing Malta in: Council Working Party and Committee meetings as outlined in the Document on Council Formations dated 25 January 2005, Commission Working Group and Comitology Committee meetings as well as in other EU fora as required; putting forward Malta's position in such meetings and participating in discussions in accordance with the instruction notes provided by the Ministry/ies concerned through the EU Secretariat;

B) Compiling and sending reports of such meetings immediately after the completion of the meeting in line with the Distribution List as well as alerting, by telephone the Ministry concerned, the EU Secretariat and the Cabinet of the Permanent Representative in the event of immediate issues;

C) Shadowing Council Working Party and Committee meetings, as detailed as well as Commission Working Group and Comitology Committee meetings that are relevant to this position's area of responsibility, which are attended by officers from Malta or where Malta has a proxy arrangement with another Member State;

D) Coordinating the follow-up of any issues arising at the above-mentioned meetings as required, both with the other units of the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta;

6. A) Participating in Council and other EU-related Ministerial meetings, COREPER II, COREPER I and PSC meetings as well as any meetings held in the margins as required for those items related to this position's area of responsibility;

B) Compiling and sending reports of Ministerial Council meetings as well as for those items discussed in COREPER II, COREPER I and PSC meetings related to this position's area of responsibility immediately after the completion of the meeting;

7. Setting up and holding regular meetings with Council, Commission, European Parliament and other Institutions' representatives as well as with counterparts within the Permanent Representations of EU Member States in order to strengthen Malta's contacts and develop fruitful and productive connections with the Institutions and Member States;

8. Any other task assigned by the Permanent Representative

Internal

9. Following up, on a daily basis, items falling under this position's area of responsibility which are of particular concern to Malta and which are listed in the Table entitled "List of Priority Items for Malta" which is coordinated and circulated on a regular basis by the *Cabinet* of the Permanent Representative;

10. Following up and keeping track of internal and external deadlines related to this position's area of responsibility and liaising with the relevant units of the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta, in order to ensure that these deadlines are met in a timely and efficient manner;

11. Keeping track of developments related to this position's area of responsibility, collating and scrutinising relevant documentation issued by the EU institutions and other EU fora, and forwarding any necessary documentation, information and advice to the Permanent Representative and other officers (Brussels or Malta-based) as appropriate;

12. Providing input, on a weekly basis, to Antici, Mertens and Nicolaidis for the compilation of the Tables entitled "The Week Ahead" and "Highlights of the Week" which provide information and input to the Permanent Representative for the weekly meetings of the Inter-Ministerial Committee for EU Affairs and the Cabinet of Ministers;

13. Providing input to Antici, Mertens and Nicolaidis for the compilation of the necessary dossiers and briefs for COREPER II, COREPER I and PSC meetings respectively;

14. Providing input to the Secretariat of the Minister concerned for the compilation of the necessary dossiers and briefs for Council and other EU-related Ministerial meetings;

15. Drawing up Briefing and Background Notes as well as Instruction Notes and Speaking Notes related to this position's area of responsibility as and when required;

16. Any other task assigned by the Permanent Representative of Malta to the EU.

CRITERIA

	Maximum Marks
Knowledge	30
Knowledge of the business of the Ministry Relevant qualifications Familiarity with EU institutions, particularly the Council	
Skills	30
Ability to assimilate complex information and to rapidly identify key issues Communication skills (particularly in writing)	
Experience	30
Experience and track record in handling issues related to the Ministry's work Experience and track record in advisory and policy development work	
Personal attributes	10
Commitment and initiative Ability to work in a team Tact and diplomacy	
Maximum	100
Minimum	60

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Technical Attaché (EU Institutions)* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (EU Institutions)* fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. L-uffiċjal li jinħatar fil-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (EU Institutions)* ikun/tkun residenti fi Brussell fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea u jkun/tkun responsabbli għal oqsma ta' interess partikolari fil-fora ta' l-Unjoni Ewropea.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Technical Attaché (EU Institutions)* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Technical Attaché (EU Institutions)* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku, it-total possibbli tal-perjodu tal-kuntratt ma jistax jeċċedi sitt snin u t-tiġdid tal-kuntratt wara l-ewwel tliet snin ta' ingaġġ isir fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti bħala *Technical Attaché (EU Institutions)*. Is-Segratarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin b'konsultazzjoni mar-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea jevalwa s-servizz mogħti mit-*Technical Attaché (EU Institutions)* kienx sodisfaċenti jew le u, f'każ ta' servizz sodisfaċenti jġedded il-kuntratt għal perjodu ieħor ta' tliet snin soġġett għal pakkett ta' rimunerazzjoni li ma teċċedix il-massimu ta' salarju fi Skala 5.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku, is-servizz tagħha mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.4 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku u, matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad mhux fl-istess qasam ta' xogħol bi skala ta salarju ogħla minn Skala 7, jew b'xi mod ieħor tinħatar fi grad ogħla minn skala 5, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Technical Attaché (EU Institutions)* u li tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

2.5 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku u, matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fl-istess qasam ta' xogħol

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Technical Attaché (EU Institutions) at the Permanent Representation of Malta to the European Union

The Public Service Commission invites applications for the position of Technical Attaché (EU Institutions) within the Ministry of Foreign Affairs. Officers appointed to the position of Technical Attaché (EU Institutions) will be stationed in Brussels within the Permanent Representation of Malta to the European Union and will be responsible for particular areas of interest in the European Union Fora.

2.1 The selected candidate will be expected initially to enter into a three-year contract as Technical Attaché (EU Institutions), which may be renewed thereafter for further periods subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Technical Attaché (EU Institutions) during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 In case the selected candidate is not a public officer, the total possible contractual period may not exceed six years and renewal beyond the first three years of engagement depends on the performance of the Technical Attaché (EU Institutions). The Permanent Secretary at the Ministry of Foreign Affairs in consultation with the Permanent Representative of Malta to the European Union will assess the performance of the Technical Attaché (EU Institutions) and will authorise, or otherwise, renewal of contract for a further period of three years subject to a remuneration package capped at salary scale 5 maximum.

2.3 If the selected candidate is a public officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a Public Officer, his/her service with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.4 If the selected candidate is a public officer and is, during the contract period, appointed to a grade not in the same stream with a Salary Scale higher than Scale 7, or otherwise appointed to a grade higher than scale 5, he/she will be expected to relinquish the duties of Technical Attaché (EU Institutions) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

2.5 If the selected candidate is a public officer and is, during the contract period, appointed in the same stream in a

fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, jew permezz ta' *progression*, il-persuna tilhaq Skala ta' salarju ogħla mill-massimu ta' Skala 7 il-persuna tkun intitolata li tibqa' żżomm il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (EU Institutions)* u, fit-tiġdid tal-kuntratt, li tirċievi l-emolumenti globali ekwivalenti għall-punt/skala tas-salarju sostantiv ġdid li miegħu jiżdied ammont ekwivalenti għal ħmistax fil-mija ta' dawn l-emolumenti globali. Din id-dispożizzjoni speċifikament teskludi kull "*top structure*" *position* b'kuntratt li miegħu jkollu marbut ħlas għall-*performance*. Madankollu, il-pakkett sħiħ li jirċievi l-uffiċjal pubbliku ma jistax ikun ogħla minn żewġ skali ta' salarju fuq l-iskala li dak l-uffiċjal pubbliku jirċievi u li normalment ikun marbut magħha meta jaqdi dmirijietu barra minn Malta u ma tista' fl-ebda każ teċċedi l-massimu ta' Skala 5.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (EU Institutions)* ikun il-massimu ta' skala ta' salarju 7 ta' l-iskali ta' salarji tas-Servizz Pubbliku Lm8,316 (€19,371.07) fl-2007. Il-persuna magħżula tirċievi wkoll l-istess pakkett ta' benefiċċji u *allowances* li huwa intitolat għalihom Uffiċjal Pubbliku fil-grad ta' *Counsellor* fid-*Diplomatic Grades*. F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-ingaġġ bħala *Technical Attaché (EU Institutions)* huwa fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tkun residenti fi Brussell.

Deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet marbuta mal-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (EU Institutions)* hija mehmuża ma' din is-sejħa bħala Appendiċi I

5. L-applikanti għandhom :

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom livell ta' kompetenza xierqa u għalhekk kwalifikati sabiex jagħtu pariri fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni kif jidhru f'din is-sejħa;

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

grade above scale 7, or through progression attains a scale above the maximum of scale 7 he/she shall be entitled to retain his/her position as Technical Attaché (EU Institutions) and, on renewal of contract, to receive global emoluments equivalent to his/her new substantive point/scale supplemented by the addition of an amount equivalent to fifteen percent of the said global emoluments. This provision specifically excludes all top structure positions on a performance related contract. However, the total package received by the officer is invariably subject to a remuneration not higher than two Public Service salary scales above the scale the public officer in question would normally be linked to when posted overseas and can in no case exceed the maximum of scale 5.

3. The salary attached to the position of Technical Attaché (EU Institutions) is the maximum point of salary scale 7 of the Public Service salary scales Lm 8,316 (€19,371.07) in 2007. In addition, the selected person will receive the same compensation package by way of benefits and allowances paid to a Public Officer in the Diplomatic Grade of Counsellor. In case the selected applicant is a public officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary, benefits and allowances of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The engagement as Technical Attaché (EU Institutions) is on a full-time basis and the selected person will be resident in Brussels.

A detailed job description of the position of Technical Attaché (EU Institutions) is attached as Appendix I to this call.

5. Applicants must:

(i) be citizens of Malta;

(ii)have an adequate level of expertise and are thus qualified to advise on the specialised areas advertised in this call;

(iii) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt bħala *Technical Attaché (EU Institutions)* u tintrabat bil-kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Il-Bord ta' l-Għażla jgħarbel il-kompetenza, il-kapaċitajiet, l-esperjenza, il-karatteristiċi personali ta' kull kandidat u l-potenzjal li għandu sabiex jaqdi d-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (EU Institutions)*.

8.3 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities Act (Persons with Disability) (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7. On engagement, the selected applicant will be required to enter into an agreement as Technical Attaché (EU Institutions) and will be bound by the terms and conditions stipulated in the contract.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The Selection Board will assess the candidates' knowledge, skills, experience, personal attributes and overall potential for assuming the responsibilities attached to the position of Technical Attaché (EU Institutions).

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Foreign Affairs. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on

komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. ll-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/re/ruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/re/ruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Ministry of Foreign Affairs.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li turi l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2007.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, are to be submitted directly to the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 6th July 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax*/*email* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2007, jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, sa ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin huwa + 356 2123 6604.

13. Applications received from abroad through a fax/email or other similar message by noon of Friday, 6th July 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs, not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The Fax number of the Ministry of Foreign Affairs is +356 2123 6604.

14. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal għand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Is-Segretarju Permanent fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin jibgħat iċċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs within seven (7) days.

Appendix 'III'

Position Description: Attaché responsible for EU Institutions

Overall Purpose of Position

The Attaché responsible for EU Institutions reports directly to the Permanent Representative of Malta to the European Union and is responsible for monitoring the proceedings and activities of the Institutions of the European Union (Council of the European Union, European Commission, European Parliament, Court of Justice, Court of Auditors, European Economic and Social Committee, Committee of the Regions and other bodies and agencies) and for communicating relevant developments to the Permanent Representative, other Permanent Representation officers and the appropriate structures in Malta in a timely and efficient manner.

Main Responsibilities

Specific

1. Acting as an interface of the Permanent Representation with the Institutions of the European Union focusing on the relations between each Institution and the Maltese Government at the institutional level, in addition to technical and representational functions;

2. Acting as an interface of the Permanent Representation with the Agencies of the European Union focusing on the relations between each Agency and the Maltese Government at the institutional level, in addition to technical and representational functions;

3. A) Coordinating and handling appointments of Maltese members to the Institutions of the European Union and Advisory Bodies;

B) Keeping regular contact with the Maltese members and coordinating any requests for information and positions from these members with the *Cabinet* of the Permanent Representative, the EU Secretariat and the relevant structures in Malta;

C) Advising and liaising with the *Cabinet* of the Permanent Representative for the setting up of meetings for the Permanent Representative with the Maltese members of the Institutions and Advisory Bodies as and when necessary;

4. Providing input to the development of, and advising the Permanent Representative on, different aspects of European personnel policy;

5. Overseeing posts, nominations and candidatures and communicating key developments in this area to the Permanent Representative and the appropriate structures in Malta;

6. A) Coordinating and handling the recruitment of Maltese nationals and the secondment of national experts to the Institutions of the European Union and communicating key developments in this area to the Permanent Representative, the Office of the Prime Minister as well as the appropriate structures in Malta;

B) Coordinating and handling structural traineeships and contract agents with the European Commission;

7. Overseeing developments in the area of European agencies and identifying any emerging issues or opportunities of relevance to Malta and highlighting such issues and opportunities to the Permanent Representative and the appropriate structures in Malta;

8. Acting as the contact point within the Permanent Representation for any lobbying activities;

9. Any other task assigned by the Permanent Representative;

External

10. A) Representing Malta in Council Working Party and Committee meetings as detailed, Commission Working Group and Comitology Committee meetings as detailed as well as in other EU fora as required; putting forward Malta's position in

such meetings and participating in discussions in accordance with the instruction notes that might be provided by the Ministryċ ies concerned through the EU Secretariat;

B) Compiling and sending reports of such meetings immediately after the completion of the meeting in line with the approved Distribution List as well as alerting, by telephone, the Ministry concerned, the EU Secretariat and the *Cabinet* of the Permanent Representative in the event of immediate issues;

C) Shadowing Council Working Party and Committee meetings as detailed, as well as Commission Working Group and Comitology Committee meetings that are relevant to this position's area of responsibility, which are attended by officers from Malta including where Malta has a proxy arrangement with another Member State;

D) Following up with representatives of other Member States, the Council Secretariat as well as the Commission and Parliament, as required;

E) Coordinating the follow-up of any issues arising at the above-mentioned meetings as required, both with the other units of the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta;

11. A) Participating in Council and other EU-related Ministerial meetings, COREPER II, COREPER I and PSC meetings as well as any meetings held in the margins as required for those items related to this position's area of responsibility;

B) Compiling and sending reports of Ministerial Council meetings as well as for those items discussed in COREPER II, COREPER I and PSC meetings related to this position's area of responsibility immediately after the completion of the meeting;

12. Setting up and holding regular meetings with counterparts from, or representatives of, the other Member States, the Council, Commission, European Parliament and other Institutions in order to strengthen Malta's contacts and develop fruitful and productive connections with other Member States and the EU Institutions;

13. Any other task assigned by the Permanent Representative;

Internal

14. Following up, on a daily basis, items falling under this position's area of responsibility which are of particular concern to Malta and which are listed in the Table entitled "List of Priority Items for Malta" which is coordinated and circulated on a regular basis by the *Cabinet* of the Permanent Representative;

15. Following up and keeping track of internal and external deadlines related to this position's area of responsibility and liaising with the relevant Units within the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta, in order to ensure that these deadlines are met in a timely and efficient manner;

16. Keeping track of developments related to this position's area of responsibility, collating and scrutinising relevant documentation issued by the EU institutions and other EU fora, and forwarding any necessary documentation, information and advice to the Permanent Representative and other officers (Brussels or Malta-based) as appropriate;

17. Providing input, on a weekly basis, to Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of the Tables entitled "The Week Ahead" and "Highlights of the Week" which provide information and input to the Permanent Representative for the weekly meetings of the Inter-Ministerial Committee for EU Affairs and the Cabinet of Ministers;

18. Providing input to Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of the necessary dossiers and briefs for COREPER II, COREPER I and PSC meetings;

19. Providing input to the Secretariat of the Minister concerned for the compilation of the necessary dossiers and briefs for Council and other EU-related Ministerial meetings;

20. Drawing up Briefing and Background Notes as well as Instruction Notes and Speaking Notes related to this position's area of responsibility as and when required;

21. Any other task assigned by the Permanent Representative.

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Case Worker* fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Case Worker* fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

2.1. Il-persuni magħżula jidħlu f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Case Worker* fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Case Worker* matul il-perjodu tal-kuntratt, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi li għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, huma jżommu l-grad sustantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għall-grad sustantiv tagħhom meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi li għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt jinħatru fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 10, huma jkunu meħtieġa li jħallu d-doveri ta' *Case Worker* u jkunu trasferiti għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħhom. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar minn Skala 10 permezz ta' *progression*, il-persuni jitħallew ikomplu l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħhom kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Case Worker* fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati huwa ekwivalenti għall-massimu ta' skala ta' salarju 10 (bħalissa Lm6,832 (€15,914.28). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Case Worker* fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati jinkludu:

i. mili ta' formoli ta' applikazzjoni;

ii. intervisti lill-persuni li qed jitolbu stat ta' asil;

iii. twettiq ta' riċerki u evalwazzjoni neċessarja;

iv. qadi ta' dmirijiet oħra fl-uffiċċju skond il-bżonn taż-żamma ta' *records*, *data* u statistika ta' l-applikanti għall-asil.

4.2 Il-persuni magħżula jistgħu jintalbu jaħdmu sigħat flessibbli skond l-esiġenzi ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju tar-Rifuġjati.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Case Worker to Perform Duties at the Office of the Commissioner for Refugees within the Ministry for Justice and Home Affairs

The Public Service Commission of Malta invites applications for the positions of Case Worker at the Office of the Commissioner for Refugees within the Ministry for Justice and Home Affairs.

2.1 The selected candidates will enter into a three-year contract as Case Worker in the Ministry for Justice and Home Affairs. Unsatisfactory performance as Case Worker during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidates are Public Officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service, they will retain their substantive appointment during the contract period and will revert to their substantive appointment on termination of the contract. In the case of selected candidates who are not Public Officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service, their service with the Ministry for Justice and Home Affairs as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of the contract.

2.3 If the selected candidates are Public Officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service and during the contract period are appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 10, they will be required to relinquish the duties of Case Worker and be transferred to duties pertinent to their new grade. However, if the substantive salary of the selected officers becomes higher than the maximum of Salary Scale 10 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force.

3. The position of Case Worker in the Ministry for Justice and Home Affairs attracts a salary equivalent to the maximum of Salary Scale 10 (currently Lm6,832 (€15,914.28)). In the case that the selected candidates are already Public Officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected candidates are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of the position, will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 The duties of Case Worker at the Office of the Commissioner for Refugees include:

i) filling of applications forms;

ii) interviewing asylum seekers;

iii) executing the necessary research and evaluation;

iv) assisting in other office duties such as maintaining updated records, data and statistics in respect of asylum seekers.

4.2 Selected applicants may have to be flexible in their time-table according to the exigencies of the Office of the Commissioner for Refugees.

4.3 Il-persuni magħżula jistgħu jkunu meħtieġa jattendu perjodu qasir ta' taħriġ fuq materji ta' asil.

5. L-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-dispożizzjonijiet ta' l-UE); jew

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) ikollhom *first degree* f'suġġett relevanti;

(d) ikunu persuni li għandhom dispożizzjoni matura lejn nies li qed jitolbu asil;

(e) għandhom liċenza valida tas-sewqan, karozza privata tagħhom u lesti li jużaw it-trasport tagħhom kif meħtieġ u jitħallsu l-kumpens bir-rata stabbilita tas-Servizz Pubbliku;

(f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li:
a) ikunu jafu tajjeb il-kunċett tar-rifuġjati;
b) ikunu lesti li jiltaqgħu u jaħdmu ma' persuni ta' nazzjonalitajiet u kulturi differenti (u jafu bil-ħtieġa li tiġi evitata distinzjoni jew preferenzi kulturali);
ċ) ikunu kapaċi jikkomunikaw ma' ħaddieħor;
d) ikunu kapaċi jużaw il-kompjuter;

4.3 Selected applicants will be required to undergo a short period of training in asylum matters.

5.1 Applicants must:

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);or

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided that they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) be able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) be in possession of a relevant first degree;

(d) be persons who demonstrate a mature disposition toward asylum seekers;

(e) be in possession of a valid driving licence and a private vehicle and willing to go where required with their own transport, subject to the approved Public Service compensation;

(f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6. Due consideration will be given to applicants who:
a) have a good understanding of the refugee concept;
b) are motivated to meet and work with people of different nationalities and cultures (and are aware of the need to avoid cultural distinctions or preferences);
c) have good interpersonal and communication skills;
d) are computer literate;

e) ikunu kapaċi jaħdmu taħt pressjoni;
f) iħobbu jaħdmu f'*team*; u
g) jafu jikkomunikaw bl-Għarbi u/jew bil-Franċiż.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal *interview* minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media lokali*.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni,

e) are able to work well under pressure;
f) like to work in a team;
g) are fluent in Arabic and/or French languages.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to NCPD.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Justice and Home Affairs.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http:/www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universitiesċtertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the

bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:-http://www.mpo.gov.mt

12. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriċulum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2007.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2007 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 21245392.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-12 ta' Ġunju, 2007

original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10. The selected candidates will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address:-http://www.mpo.gov.mt.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director, Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 6th July 2007.

13. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 6th July 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Department is +356-2124 5392).

15. a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

b)Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, within seven (7) days.

12th June, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Scientific Officer (Optometrist)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Scientific Officer (Optometrist)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Scientific Officer (Optometrist)* għandu salarju ta' Lm5,782 (€13,468.44) fis-sena li jiżdied b'Lm175 (€407.64) fis-sena sa massimu ta' Lm6,832 (€15,914.28) (Skala ta' Salarju 10).

2.1. Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* titla' fi Skala ta' Salarju 9 b'salarju ta' Lm6,135 (€14,290.71) li jiżdied b'Lm192 (€447.24) fis-sena sa massimu ta' Lm7,287 (€16,974.14) wara sentejn, soġġetta għal servizz sodisfaċenti fil-grad ta' *Scientific Officer*.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Scientific Officer* tiġi promossa għall-grad ta' *Senior Scientific Officer* fi Skala ta' Salarju 8 b'salarju ta' Lm6,526 (€15,201.49) fis-sena li jitla' b'żidiet ta' Lm209 (€486.84) fis-sena sa massimu ta' Lm7,780 (€18,122.53), soġġetta għal servizz sodisfaċenti wara li tagħmel għaxar snin fil-grad ta' *Scientific Officer* jew tmien snin jekk ikollha xi kwalifika xierqa ta' wara l-gradwazzjoni. Persuna fil-grad ta' *Senior Scientific Officer* titla' fi Skala ta' Salarju 7 b'salarju ta' Lm6,948 (€16,184.49) li jitla' b'żidiet ta' Lm228 (€531.10) fis-sena sa massimu ta' Lm8,316 (€19,371.07) wara sentejn servizz fil-grad, soggett għal servizz sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim relevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Scientific Officer (Optometrist)* jinkludu li:-

(a) tagħmel *refraction* bis-*cycloplegia* jew mingħajru;

(b) tkejjel il-pressjoni fil-għajn u tagħmel *fundoscopy*;

(ċ) tagħmel riċetti għan-nuċċalijiet, *contact lenses* jew *visual aids* oħra;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Scientific Officer (Optometrist) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the posts of Scientific Officer (Optometrist) in the Health Division.

2. The post of Scientific Officer (Optometrist) carries a salary of Lm5,782 (€13,468.44) per annum rising by annual increments of Lm175 (€407.64) up to a maximum of Lm6,832 (€15,914.28) (Salary Scale 10).

2.1. Subject to satisfactory performance, a Scientific Officer will move to Salary Scale 9 with a salary of Lm6,135 (€14,290.71) rising by annual increments of Lm192 (€447.24) up to a maximum of Lm7,287 (€16,974.14) on completion of two years service in the grade of Scientific Officer.

2.2. A Scientific Officer will be promoted to the grade of Senior Scientific Officer (Salary Scale 8) with a salary of Lm6,526 (€15,201.49) rising by annual increments of Lm209 (€486.84) up to a maximum of Lm7,780 (€18,122.53) on completion of ten years service in the grade of Scientific Officer or eight years if in possession of a recognised and appropriate postgraduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Scientific Officer will progress to Salary Scale 7 with a salary of Lm6,948 (€16,184.49) rising by annual increments of Lm228 (€531.10) up to a maximum of Lm8,316 (€19,371.07) on completion of two years service in the grade subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of a Scientific Officer (Optometrist) include:

(a) carrying out refraction with or without cycloplegia;

(b) measuring intra ocular pressures and performing fundoscopy;

(c) issuing prescriptions for glasses, contact lenses or other visual aids;

(d) tipprattika l-professjoni tagħha fil-kliniċi ta' l-Oftalmija ta' l-Isptar San Luqa u ta' l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fiċ-Ċentri tas-Saħħa.

5. Il-persuna nominata ma tistax toħroġ riċetti għal kura ta' xi kundizzjoni fl-għajn iżda trid tirreferi każijiet bħal dawn lill-Oftalmologu kwalifikat għall-kura meħtieġa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala *Optometrist* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikollhom lawrija rikonoxxuta fl-*Optometry* minn Università jew kwalifika oħra komparabbli xierqa;

e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

(d) practising his/her profession within the Ophthalmic Clinics at the outpatients Department at St.Luke's Hospital and Gozo General Hospital and at the Health Centres.

5. The appointee will not be able to issue prescriptions for treatment of any ocular condition but should refer such cases to a qualified Ophthalmologist for necessary treatment.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Optometrist with the Council for Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be in possession of a recognised University degree in Optometry or other appropriate comparable qualification;

e) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be

fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-kandidati magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-12 ta' Ġunju, 2007

10. The selected candidates will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 6th July 2007.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 6th July 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

12th June, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Accountant* fil-Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Accountant* fil-Ministeru tal-Finanzi.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Accountant* fil-Ministeru tal-Finanzi. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Accountant* matul il-perjodu tal-kuntratt, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Accountant in the Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the position of Accountant in the Ministry of Finance to carry out duties with the Accountancy Board.

2.1. The selected candidate will enter into a three-year contract as Accountant in the Ministry of Finance. Unsatisfactory performance as Accountant during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she

żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 6, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Accountant* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 6 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Accountant* hu ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 6 (bħalissa Lm8,938 (€20,819.94) fis-sena). F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Minħabba n-natura speċjali tad-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni, il-persuna magħżula tkun ukoll intitolata għal *disturbance allowance* sa massimu ta' 15% tas-salarju għal xogħol maħdum regolarment wara l-ħin, li f'ċirkostanzi eċċezzjonali u bi qbil minn qabel mas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi tista' tiżdied sa 25% tas-salarju ta' l-uffiċjal *pro-rata* għall-perjodu ta' xogħol straordinarju.

3.3 Persuna ingaġġata fil-pożizzjoni ta' *Accountant* hi wkoll intitolata għal dawn il-benefiċċji:

(a) allowance għall-karozza/*petrol* ta' bejn Lm600 (€1,397.62) u Lm1,200 (€2,795.25) fis-sena għal użu tal-karozza privata tagħha pagabbli fi tlettax-il parti, kull erba' ġimgħat;

(b) ħlas ta' *performance bonus* ta' mhux aktar minn 10% tas-salarju kurrenti tagħha, soġġett għal riżultat sodisfaċenti.

3.4 Barra minn hekk, il-persuna magħżulha tirċievi wkoll il-*bonuses* ta' nofs is-sena u tal-Milied, is-suppliment fuq id-dħul, u ż-żidiet ta' l-għoli tal-ħajja kif approvati mill-Istat, sakemm dawn mhux qed tirċevihom taħt xi dispożizzjoni ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

3.5 Skond il-bżonn u meta mitluba, il-persuna fil-pożizzjoni ta' *Accountant* tintrabat li taħdem aktar sigħat minn dawk stipulati fir-Regolamenti tas-Servizz Pubbliku

will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry of Finance as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than the maximum of scale 6, he/she will be required to relinquish the duties of Accountant and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 6 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3.1 The salary attached to the position of Accountant is equivalent to the maximum of Scale 6 (currently Lm8,938 (€20,819.94) per annum). In case the selected applicant is a public officer with a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 In view of the special nature of the duties involved, the appointee will also be entitled to a disturbance allowance of up to 15% of his/her salary for work performed regularly after office hours, which, in exceptional circumstances and with the prior approval of the Permanent Secretary, Ministry of Finance, may be extended up to 25% of the officer's salary pro-rata to the period of extraordinary work.

3.3 The Accountant will also be entitled to the following benefits:

(a) car/petrol allowance of between Lm600 (€1,397.62) and Lm1,200 (€2,795.25) per annum for use of his/her private car payable in thirteen four-weekly instalments;

(b) the payment of a performance bonus, subject to satisfactory performance, of up to 10% of their basic salary.

3.4 In addition, a selected candidate shall receive the statutory mid-year and Christmas bonuses, the income supplement, and state-approved cost of living increases, provided, however, that these are not already enjoyed by him/her under any of the provisions of the Social Security Act.

3.5 When circumstances so warrant and when he/she is requested to do so, a person in the position of Accountant undertakes to work extra hours beyond those stipulated by

ta' Malta u ma tkunx intitolata għall-ħlas addizzjonali jew xi benefiċċju għas-sigħat żejda li tkun meħtieġa taħdem.

4. Persuna fil-pożizzjoni ta' *Accountant* tkun meħtieġa, *inter alia*, li tagħmel żjarat ta' sorvelljanza fuq l-operat ta' *practitioners* u ditti ta' *Accountancy* u *Audit,* tikteb rapporti fuq iż-żjarat, tagħmel riċerka fuq suġġetti tekniċi, u tkun ukoll responsabbli biex tagħmel , skond il-bżonn, xogħol amministrattiv. Tista' wkoll tkun meħtieġa li tieħu sehem f'laqgħat kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

5. L-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom lawrija *Honours* rikonoxxuta, jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta, komparabbli, fl-*Accountancy*, u jkollhom il-*Practising Certificate* fl-*Audit* maħruġ mill-*Accountancy Board* ta' Malta kif ukoll erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol fl-awditjar, u preferibbilment ikunu għamlu xogħol ta' awditjar ta' *public interest entities*; u

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-pożizzjoni. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

the Malta Public Service Regulations and he/she will not be entitled to any additional remuneration or benefit in respect of such extra hours which he/she may be required to work.

4. An Accountant will be required, inter alia, to carry out reviews of Accountancy and Audit practitioners/firms, draft review reports and prepare plans for review visits, research specific technical issues, and be responsible to carry out administrative tasks as the need arises. An Accountant may also have to participate in technical fora in Malta and abroad as may be required.

5. Applicants must be:

(i) citizens of Malta;

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of a recognised Honours degree, or an appropriate recognised comparable qualification, in Accountancy and a Practising Certificate in Audit issued by the Accountancy Board of Malta plus four (4) years relevant work experience in the audit profession and would preferably have been involved in the audit of public interest entities;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u f'dik tad-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru tal-Finanzi.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultati skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9.2 Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-Dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. ll-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn *il-websites:*

7. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of Department of Corporate Services in the Ministry of Finance.

8.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru tal-Finanzi, *Maison Demandols*, 30, Triq Nofsinhar, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, *Maison Demandols*, 30, Triq Nofsinhar, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Lulju 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 6 ta' Lulju 2007, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, *Maison Demandols*, 30, Triq Nofsinhar, Valletta mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 21251356.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-12 ta' Ġunju, 2007

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director Corporate Service, Ministry of Finance, Maison Demandols, 30, Triq Nofsinhar, Valletta.

12. Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director Corporate Service, Ministry of Finance, Maison Demandols, 30, Triq Nofsinhar, Valletta, by not later than noon of Friday, 6th July 2007.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 6th July 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry of Finance by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving department is +356 21251356.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, within seven (7) days.

12th June, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Accountant* fit-*Tax Compliance Unit* fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Accountant* fit-*Tax Compliance Unit* fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Accountant* fit-*Tax Compliance Unit*. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Accountant* matul il-perjodu tal-kuntratt, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Accountant in the Tax Compliance Unit of the Ministry of Finance

The Public Service Commission invites applications for the positions of Accountant in the Tax Compliance Unit of the Ministry of Finance.

2.1. The selected candidates will enter into a three-year contract as Accountant in the Tax Compliance Unit. Unsatisfactory performance as Accountant during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will

żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mat-*Tax Compliance Unit* kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 5, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Accountant* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 5 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Accountant* hu ta' Lm8,945 (€20,836.25). F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċ jal pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Minħabba n-natura speċjali tad-dmirijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni u ma' servizz kreditabbli, il-kandidati magħżula jkunu wkoll intitolati għal *Disturbance and Special allowance* ta' Lm500 (€1,164.69) fis-sena, li tista' tiġi rriveduta fuq bażi annwali sa massimu ta' Lm3,500 (€8,152.81) fis-sena. Din l-*allowance* titħallas fi tlettax-il pagament ugwali, flimkien mas-salarju msemmi.

3.3 Persuni ingaġġati fil-pożizzjoni ta' *Accountant* huma wkoll intitolati għal dawn il-benefiċċji:

(a) *allowance* għall-karozza/petrol ta' Lm50 (€116.47) fix-xahar, jiġifieri Lm600 (€1,397.62) fis-sena;

(b) ħlas ta' *performance bonus* ta' mhux aktar minn 10% tas-salarju kurrenti tagħhom, soġġett għal riżultat sodisfaċenti.

3.4 Barra s-salarju u l-*allowances* imsemmija, il-persuni maħtura jirċievu l-*income supplement* u l-*bonus* tal-Milied u ta' nofs is-sena. Barraminnhekk, is-salarju bażiku jiżdied b'aġġustamenti għall-għoli tal-ħajja skond kif jithabbar fid-diskors tal-*Budget*.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Accountant* fit-*Tax Compliance Unit* jinkludu:

(a) xogħol ta' awditjar tat-taxxa u investigazzjonijiet kontra l-evażjoni tat-taxxa u tal-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, u xogħol ieħor relatat;

(b) ipproċessar ta' oġġezzjonijiet fuq stimi ta' taxxa maħruġa wara investigazzjonijiet tat-*Tax Compliance Unit*;

(ċ) responsabbiltà għal xogħlijiet assenjati lill-*junior staff* li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha;

(d) xogħol ieħor kif rikjest.

retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her employment with the Tax Compliance Unit as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3. If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 5, he/she will be required to relinquish the duties of Accountant and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 5 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3.1 The salary attached to the position of Accountant is Lm8,945 (€20,836.25). In case the selected applicant is a public officer with a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 In view of the special nature of the duties involved, and subject to creditable performance, the appointees will also be entitled to a Disturbance and Special allowance of Lm500 (€1,164.69) per annum, which may be revised annually up to a maximum limit of Lm3,500 (€8,152.81) per annum. This allowance will be paid in thirteen (13) equal instalments, in addition to the above salary.

3.3 The Accountant will also be entitled to the following benefits:

(a) car/petrol allowance of Lm50 (€116.47) per month, i.e. Lm600 (€1,397.62) per annum;

(b) the payment of a performance bonus, subject to satisfactory performance, of up to 10% of their current salary.

3.4 In addition to the above salary and allowances the appointees shall receive the mid-year and christmas bonus/income supplement. Furthermore, the basic salary will be increased by any future cost of living adjustments as announced in the Budget Speech.

4. The duties of Accountant in the Tax Compliance Unit include:

(a) the undertaking of tax audits and investigations to combat tax avoidance and tax evasion, Social Security fraud and other related matters;

(b) the processing of objections to assessments raised following tax investigations by the Tax Compliance Unit;

(c) the responsibility for assignments conducted by junior staff under his/her direction;

(d) other duties as directed.

5. L-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom lawrija *Honours* rikonoxxuta, jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta, komparabbli, fl-*Accountancy* u jkollhom il-*Practising Certificate* fl-*Audit* maħruġ mill-*Accountancy Board* ta' Malta kif ukoll erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol relevanti; u

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naha tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lit-Taqsima riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:-http://www.mpo.gov.mt

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

5. Applicants must be:

(i) citizens of Malta;

(ii) able to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of a recognised Honours degree, or an appropriate recognised comparable qualification, in Accountancy and a Practising certificate in Audit issued by the Accountancy Board of Malta plus four (4) years relevant work experience;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National commission for Persons with a Disability (NcPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Unit and copied to the NCPD.

7. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management code accessible from the Management and Personnel Office website at address:-http://www.mpo.gov.mt.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

